MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 732/1999/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**
**ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-27 ta' Frar 2004**

**Citazzjoni numru 732/99 GC**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**1) Dr Raymond Zammit u l-P.L Lilian Buhagiar nominati b'digriet tat-3 ta' Settembru 1998 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil imsiefer Marc Vandeputte u 2) Mira Vandeputte**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-assenti konvenut Marc Vandeputte fl-ammont ta’ elf, mitejn u hamsin liri maltin u hamsa u sittin centzmu (Lm1,250.65) bilanc ghad-debitu fil-“current account” tal-assenti konvenut Marc Vandeputte mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “A1” sa “A7”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-assenti l-konvenut Marc Vandeputte u martu Mira Vandeputte gew interpellati permezz ta’ ittra ufficijali datata 22 ta’ Lulju 1998 li qed tigi hawn esebita u markata “Dok B” sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi izda dawn baqqhu inadampjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1 Tikkundana lill-assenti konvenut Marc Vandeputte u martu Mira Vandeputte jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u hamsin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm 1,250.65) bilanc ghad-debitu fill “current account” tal-assenti konvenut Marc Vandeputte mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “A1 sa A7”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta’ Lulju 1998 (Dok”B”) kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjioni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezjoniiet takonvebnuti kuraturi deputati fejn gie eccepit illi huma mhux edotti mill-fatti u jiriservaw li jeccepixxu ulterjorament fi stadju ulterjuri u illi huma

jitollbu lill-atturi jindikawlhom fejn jistghu jikkommunikaw ma Marc Vandeputte;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mira Vandeputte fejn gie eccepit illi preliminarjament, zewgha Marc Vandeputte, huwa Malta u ghalhekk ghandu jigi mharrek personalment u mhux permezz tal' kuraturi deputati u, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti mhix il-legittima kontradittur billi hija legalment separata minn zewgha b'dan illi l-kommunjoni tal-akkwisti kienet giet xjolta u likwidata u f'kull kaz, l-eccipjenti ma kienitx parti fis-self jew debitu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Mira Vandeputte debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2001;

Ikkonsidrat :

Il-bank attur jippretendi li huwa kreditur tal-konvenuti konjugi Vandeputte fis-somma ta' elf, mitejn u hamsin liri maltin u hamsa u sittin centzmu (Lm1250.65);

Ghandu jinghad mill-ewwel li t-talbiet tal-bank attur kwantu diretti versu l-konvenut Marc Vandeputte jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti dejjem kwantu diretti kontra l-imsemmi konvenut;

Da parti taghha l-konvenuta Mira Vandeputte teccepixxi fl-ewwel lok li zewgha l-konvenut l-iehor jinsab Malta u ghalhekk ghandu jigi mharrek personalment u mhux tramite l-kuraturi deputati. L-istess konvenuta teccepixxi

ukoll li mhux il-legittima kontradittrici billi hi legalment separata minn zewgha u ghalhekk il-kommunjoni tal-akkwisti giet xjolta u likwidata u li fi kwalunkwe kaz hija ma kinitx parti fis-self jew debitu in kwestjoni;

Ghar-rigward tal-ewwel ecccezzjoni tal-konvenuta ma jirrizultax li l-konvenut kien Malta fil-hin tal-presentata tac-citazzjoni. Huwa minnu li l-konvenut deher ghal xi seduti tal-kawza. Huwa pero’ naqas li jinkariga difensur ta’ fiducja u naqas li jassumi personalment l-atti tal-kawza. F’dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward ta’ dawn l-atti;

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta jirrizulta li d-debitu in kwestjoni sar meta il-konvenuti konjugi Vandeputte kienu qed jghixu separatament. Huwa minnu li l-kuntratt ta’ separazzjoni ma kienx ghadu gie pubblikat pero’ l-konvenuta xehedet, mhux kontradetta, li ma kinitx taf bis-self jew bid-debitu in kwestjoni. In effett ma jirrizultax li sabiex il-konvenut inghata l-facilitajiet bankarji in kwestjoni kellha b’xi mod tintervjeni l-konvenuta;

F’dawn ic-cirkostanzi d-debitu in kwestjoni ma jistax jitqies li hu tal-komunjoni u ghalhekk il-konvenuta mhux responsabbli ghal-hlas ta’ dan id-dejn. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-provedimenti tal-artikolu 1322 tal-Kodici Civili;

Ghandu jigi rilevat li in effett fic-citazzjoni l-bank attur jippremetti u jispecifika li huwa kreditur, fis-somma indikata, tal-assenti konvenut Marc Vandeputte u dana bhala bilanc ghad-debitu fil-“current account” f’isem l-istess konvenut. Il-bank attur ma jispecifikax ir-raguni ghala qed iqies li l-konvenuta ghandha ukoll tigi ritenuta responsabbli ghal dan id-debitu. Fic-citazzjoni l-bank attur jillimita ruhhu li jippremetti li z-zewg konvenuti gew interpellati ghall-hlas permezz ta’ ittra ufficijali izda dawn baqqhu inadampjenti. Jidher ghalhekk li l-bank attur lanqas ma hu daqstant konvint li l-konvenuta ghandha tkun ritenuta responsabbli ghal hlas in kwestjoni;

In visa tal-premess it-talbiet atrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenuta, pero' ghadhom jigu akkolti fil-konfront tal-konvenut;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut u b'hekk tikkundana lill-konvenut Marc Vandeputte jhallas lill-bank attur is-somma ta' elf, mitejn u hamsin liri maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm 1,250.65) bilanc ghad-debitu fil- "current account" f'isem l-istess konvenut u dana flimkien mal-imghax leali ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Mira Vandeputte u billi tilqa t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenuta u b'hekk it-talbiet tal-bank attur kwantu diretti kontra l-konvenuta qed jigu michuda u konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservazzjoni tal-gudizzju;

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenut bl-eccezzjoni ta' dawk tal-konvenuta li ghandhom jithallsu mill-bank attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------